DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1409

tal-4 ta' Lulju 2023

li tagħti struzzjonijiet lill-Amministratur Ċentrali tar-Reġistru tal-Unjoni biex jirritorna l-eċċess tal-Unjoni lill-Istati Membri u lir-Renju Unit, fi tmiem it-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1339 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Emenda ta' Doha għall-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-twettiq konġunt tal-impenji taħtha ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

(1) L-Unjoni kkonkludiet l-Emenda ta' Doha għall-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. L-emenda ta' Doha stabbiliet it-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto, li jibda fl-1 ta' Jannar 2013 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020.

(2) F'konformità mal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1339, l-unitajiet kollha tal-ammont assenjat maħruġa għat-tieni perjodu ta' impenn li jkunu disponibbli fir-reġistru tal-Unjoni wara li l-Unjoni tkun ikkonformat mal-obbligu tagħha stabbilit fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u wara li jkun sar kwalunkwe trasferiment tal-unitajiet tal-ammont assenjat skont l-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tal-Artikolu 10(7) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 ("eċċess tal-Unjoni") għandhom jiġu rritornati lill-Istati Membri fi tmiem it-tieni perjodu ta' impenn.

(3) Wara t-trasferiment tas-sehem applikabbli ta' rikavati lill-Fond ta' Adattament, l-eċċess nett tal-Unjoni fir-Reġistru tal-Unjoni tela' għal 2 215 147 885 unità tal-ammont assenjat. Dawn l-unitajiet jenħtieġ li jiġu rritornati lill-Istati Membri u lir-Renju Unit ([3]) f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1339.

(4) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti struzzjonijiet lill-amministratur ċentrali tar-Reġistru tal-Unjoni biex jirritorna l-unitajiet lill-Istati Membri u lir-Renju Unit,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-Kummissjoni tagħti struzzjonijiet lill-amministratur ċentrali tar-Reġistru tal-Unjoni biex jirritorna l-unitajiet tal-ammont assenjat stabbiliti fl-Anness fil-kontijiet tal-Awstrija, tal-Belġju, tal-Bulgarija, tal-Kroazja, ta' Ċipru, taċ-Ċekja, tad-Danimarka, tal-Estonja, tal-Finlandja, ta' Franza, tal-Ġermanja, tal-Greċja, tal-Ungerija, tal-Irlanda, tal-Italja, tal-Latvja, tal-Litwanja, tal-Lussemburgu, ta' Malta, tan-Netherlands, tal-Polonja, tal-Portugall, tar-Rumanija, tas-Slovakkja, tas-Slovenja, ta' Spanja, tal-Iżvezja u tar-Renju Unit.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni
Frans TIMMERMANS
Viċi President Eżekuttiv

([1]) ĠU L 207, 4.8.2015, p. 1.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13)
([3]) ĠU C 384 I, 12.11.2019, p. 59.

ANNESS

Stat Membru	Unitajiet tal-ammont assenjat tal-eċċess tal-Unjoni allokati
L-Awstrija	13 779 438
Il-Belġju	21 010 620
Il-Bulgarija	129 595 427
Il-Kroazja	7 379 327
Ċipru	1 611 575
Iċ-Ċekja	136 916 575
Id-Danimarka	13 496 692
L-Estonja	52 162 070
Il-Finlandja	8 895 367
Franza	102 390 482
Il-Ġermanja	200 540 800
Il-Greċja	16 329 385
L-Ungerija	110 193 391
L-Irlanda	11 665 373
L-Italja	81 862 104
Il-Latvja	41 199 008
Il-Litwanja	72 359 623
Il-Lussemburgu	2 472 803
Malta	315 853
In-Netherlands	31 245 242
Il-Polonja	306 866 601
Il-Portugall	13 660 512
Ir-Rumanija	503 842 880
Is-Slovakkja	77 068 229
Is-Slovenja	3 376 854
Spanja	60 009 461
L-Iżvezja	13 580 833
Ir-Renju Unit	181 321 357